MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

**Il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30 pero il-laqgħa bdiet fi 09:15 minħabba problemi tekniċi.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima (*joined virtually*) – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Clyde Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 47.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

47.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

47.1.2 Il-laqgħa ġiet sospiza peress li kien disussjoni li ma kienetx relata mal-minuti tal-aħħar laqgħa.

47.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 47.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

47.2.1 Is-Sindku qal li jixtieq jirrikonoxxi ix-xogħol li sar min naħħa tas-Segretarju Ezekuttiv fejn jidħol il-proġett tal-ġemellaġġ - Europe for Citizens. Is-Sindku qal li dan il-proġett kien fih ħafna deadlines u xejn faċli, saħansitra sabiex żgur ma nitilfux flus, kellna ndaħħlu espert fil-qasam tal-applikazzjonijiet tal-EU.

47.2.2 Is-Sindku xtaq li jkun irriġistrat li fid-diskors li għamel fir-rigward ir-riforma l-ġdida tal-Kunsilli Lokali fost l-oħrajn dejjem sostna li special funds għandhom jiġu assorbiti fl-allokazzjoni skont pjan ta' ħidma ppreżentat mill-Kunsill Lokali biex b'hekk il-Kunsilli jkunu aktar awtonomi, jiġu ppremmjati l-Kunsilli Lokali li jaħdmu u jitnaqqas ix-xogħol ta' applikazzjonjiet, rapporti li lill-Kunsilli bħalma huwa tagħna, b'nuqqas ta' staff jiżantaġġjawhom.

47.2.3 Is-Sindku qal li rigward il-garanzija li nzammet lill-kunttrattur fil-pjazza, qed jissuġerixxi li tinzamm parti minnha għaliex il-kuntrattur ħalla ħafna ħmieġ warajh. Il-Kunsill qabel unanimament li jekk possibli, tinzamm 50% tal-garanzija.

47.2.4 Is-Sindku qal li t-tender tal-bike station bħala parti mill-proġett tal-Mobility Project se jkollu jerġa johorġ għaliex għalaq mingħajr l-ebda offerta, din hija t-tielet darba li ser joħroġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

47.2.5 Is-SE qalet li sabiex inkunu konformi mad-direttivi tal-online streaming, is-sistema tal-kunsill ġiet updated b'sistema ġdida mal-istess kumpanija li kellna diġa l-apparat magħhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

47.2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kappillan bagħat messaġġ ta' ringrazzjament għall-għajnuna tal-Kunsill fil-pussess tiegħu.

47.2.7 Is-SE ressqet l-appraisals tal-ħaddiema tal-Community Workers Schemes sal-aħħar ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw il-full marks.

47.2.8 Is-SE ressqet email tal-health insurance għall-kunsilliera u l-istaff. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għall-kulħadd.

47.2.9 Is-SE ressqet email tal-parteċipazzjoni tal-Fun Run u sar qbil li ma nipparteċipawx.

47.2.10 Is-SE ressqet email tal-parteċipazzjoni ta' Rigal tal-Mħabba u sar qbil li ma nipparteċipawx.

47.2.11 Is-SE qalet li waslet rikjesta sabiex jiġu installati sebgħa bollards fi Triq Cangura fuq il-bankina ġdida li ser tiġi installata mill-kuntrattur fuq kuntratt li l-Kunsill għandu mal-istess kuntrattur. Il-Kunsill qabel unanimament.

47.2.12 Is-SE qalet li waslet rikjesta b'email sabiex tingħata għajnuna finanzjara mill-Kunsill biex jitella kunċert fil-knisja fi zmien il-Milied. Is-Sindku informa li hu irrisponda għal din l-emajl fejn qal li l-Kunsill diġa se jkun qed itella u jiffinanzja kunċert tiegħu dak iz-zmien.

## 47.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

47.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi qal li l-bozza ta' ħdejn it-Tatitas għadha tpetpet. Is-SE qalet li qed tiġi irrapurtata kemm-il darba u wara jingħalaq il-'job' bl-assumazzjoni li din tranġat.

47.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa ippropona li ssir maintenance f'parti minn sqaq fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku infurmaħ li din ser tkun parti mit-tender tal-proġett M4.3 u l-aħjar li titranġa b'dawk il-fondi sabiex niffrankaw il-flus, pero jekk hemm partijiet urġenti naraw nistgħux nirranġawh bil-ħaddiema tagħna.

47.3.3 Il-kunsillier George Camilleri talab biex ikollu recording ta' din laqgħa. Is-SE qaltlu hekk kif tispiċċa l-laqgħa, tkun tista tibagħatu immedjatament.

## 47.4 Tender M4.3;

47.4.1 Is-SE qalet li peress li issa ġie iffirmat il-grant agreement tal-M4.3 – *Rural Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry*
*Road Improvements for Farmers in San Lawrenz,* irid jinħareġ tender. Il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ it-tender u l-board ikun iffurmat minn: lill- William Sultana u Sarah Formosa bħala Chairperson u Segretarju rispettivament u bħala evalwaturi; Perit Xuereb, Avukat Formosa, u Accountant Galea.

## 47.5 Vaccine tal-Influenza;

47.5.1 Is-Sindku qal li hu talab sabiex ningħataw il-vaccine sabiex tingħata fil-lokalita' stess. Is-Sindku kompla jgħid li wara li irċieva li din l-vaccine ser tingħata, l-ġabra tal-istess vaccine setgħtet issir minn Malta biss u peress li t-transport tagħha hu wieħed delikat, il-Kunsill ma jistax joffri dan is-servizz.

## 47.6 Limitu ta' Heavy Vehicles fi Trejqet 10 t'Awissu;

47.6.1 Is-Sindku qal li kellu rikjesta sabiex Trejqet 10 t'Awissu ikollha limitu ta' x'tip ta' vetturi jidħlu. Il-Kunsill qabel unanimament li jitlob parir professjonali fuq limitu ta' tunnellaġġ u ssir applikazzjoni formali.

## 47.7 Attivitajiet tal-Milied;

47.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara pressjoni minn naħa tiegħu, il-Kunsill ingħata s-somma ta' €21,000 mingħand il-DLG għall-attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li apparti dawn il-fondi għall-Milied il-Kunsill irċieva somma ta €10,000 mingħand l-uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex ara applikazzjoni li ssottometta. Is-Sindku ippropona li b'dawn il-fondi inzidu tinzjin tal-Milied anke fil-pjazza kif ukoll fi Triq id-Duluri u Triq San Lawrenz, jitella l-programm ta' Swejjaq, pageant tal-Milied u kunċert fil-knisja u 3d Mapping Show. Il-Kunsill qabel unanimament.

47.7.2 Is-Sindku bħala attivitajiet oħra tal-Milied, ippropona li jiġi ippjanat party għat-tfal tar-raħal, ikla tal-anzjani kif ukoll ikla tal-istaff. Wara diskussjoni sar qbil li l-ikla tal-istaff issir fi 15 ta' Diċembru fejn l-istaff u membri tal-iskemi kollha ikunu mistednin, fi 28 ta' Diċembru ikla lill-anzjani fejn jingħataw tlett rigali kbar b'lotterija u rigal zgħir lill kull min jattendi, fi 29 ta' Diċembru party tat-tfal fejn inġibu catering u entertainment għat-tfal u rigal żgħir għall-kull min jattendi. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

47.8.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 47.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-11:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Ħamis, 29 ta' Diċembru 2022 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv